MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Numru. 1201/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**ETIENNE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Etienne Vella ta' 30 sena, iben Joseph u Philippa nee' Pace, imwieled Pieta' fis-16 ta' Gunju 1979, residenti Blk J flt 1, Bini tal-Gvern, Hamrun detentur ta' karta t'identita nru 312379M.

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Settembru 2009 gewwa il-Liberty Bar gewwa l-Hamrun ghal habta tat-18.45 hrs, voluntarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Enrico Camilleri minn Hal-Luqa hekk kif iccertifikat Dr. Kersten Sant (3236) MD tal- Isptar Mater Dei, bi ksur tal-art 216 (b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi kiser il-paci publika b'ghajjat u glied.

Talli fl-istess jum lok u cirkustanzi kiser kundizzjoni imposta fuqu fit-23 ta' Settembru 2008 mil-Qorti tal-Magistrati Mag Dr.J.Padavonai Grima LLD Art 22 tal-Kap 446 ghal tmintax il xahar, liema sentenza giet definittiva u ma tistax timbidel.

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;
Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-13 ta' Settembru 2009 fis-6.45pm waqt li l-imputat Vella kien qed jixrob go *Liberty Bar* il-Hamrun, kien dahal il-kwerelant Enrico Camilleri fis-sakra u beda jinsisti li l-imputat jrodd lura l-flus li kellu jtih. Qamet glieda u l-imputat Etienne Vella allegatament ta daqqa ta ponn lil Enrico Camilleri bil-konsegwenza li Camilleri safa b'qasma fuq il-"*bridge*" ta' mniehru u frattura tal-ghadma tal-imniehru (Vide Certificati Medici DOK JA1,JA2,JA3 a fol 3,4 u 5 tal-Process.)

F'din il-glieda kien wegga ukoll l-imputat (ara Certificat Mediku DOK JAX a fol 20) u fil-fatt ittiehdu passi kriminali ukoll kontra Enrico Camilleri.

**Enrico Camilleri ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu ( ara fol 15)**

PS 1195 Conrad Debattista a fol 21 et sequitur xhed illi fil-lejl tat-13 ta' Settembru 2009 il-Pulizija kienu qeghdin ifittxu lill-Enrico Camilleri l-ghaliex kienu dahlu diversi rapporti dwaru, fuq ksur ta buon ordni, dwar theddid u

sahansitra kien dahal rapport li Camilleri kien armat b'xi *Taser gun* jew sikkina.

PS1195 xhed a fol 22 illi l-imputat irraporta illi Enrico Camilleri kien dahal fil-Bar mat-tfajla tieghu, resaq lejh, hareg sikkina u beda jheddu (lil Etienne Vella) **u fil-fatt Enrico Camilleri kien laqghet lil Etienne Vella u lil Malcom Schembri b'din l-arma.**

PS 1195 ikkonferma illi l-imputat kien ipprezenta certifikat mediku l-ghassa (DOK JAX) dwar griehi ta' natura hafifa.

PS1195 stqarr illi meta investigaw lil Enrico Camilleri, dan ma setghax jaghraf il-persuna li kien tah id-daqqa ta' ponn li kkawzat il-frattura ta imniehru.

PS1195 xhed illi Camilleri kellu d-demm niezel minn imnifsejh (ara fol 23). L-okkorenza DOK PS giet ezebita a fol 25. Is-Surgent 1195 xhed dwar ir-riluttanza tal-imputat biex jirregistra rapport mal-Pulizija u li kien biss fuq insistenza ta' missieru illi ghamel dan.

Lorraine Cassar a fol 30 et sequitur ikkonfermat li kienet l-gharusa ta' Enrico Camilleri u li fil-lejl in kwistjoni kienet l-*Liberty Bar.* Hi ddeponiet li nqalghet glieda pero' ma setghetx tghid min ta l-ewwel daqqa. Cassar xhedet li l-imputat kellu jaghti lil Enrico madwar erbghat elef Euro (4000 Euro) u li l-argument beda minhabba l-flus li kellu jiehu Enrico. Skond Cassar, f'din il-glieda kien wegga' Enrico. Hija ssostniet illi Enrico Camilleri kellu biss il-mobile f'idejh. Cassar innegat li Enrico kien mar il-*Liberty Bar* sabiex jitlob lil Etienne ghal hlas tad-debitu. Hija stqarret li ma kinitx taf kemm kien xorob Enrico dak il-lejl. A fol 34, hija baqghet tinsisti li ma kinitx taf kif bdiet il-glieda avolja kienet biss xi seba' (7) piedi 'l boghod meta din fegget.

Dr.Valerio Vella Catalano a fol 38 ikkonferma c-certifikat mediku DOK X.

Dr.Amanda Baldacchino a fol 42 kkonfermat DOK JA3. Hija xhedet illi rrizulta li Enrico Camilleri kellu frattura tal-ghadma tal-imnieher li kellha tigi operata (ara fol 44).

Dr.Kerstin Sant a fol 46 kkonferma DOK JA1 u xhed li Enrico Camilleri kellu ksur tal-ghadma ta' mniehru u kklassifika l-griehi bhala dawk ta natura gravi per durata.

Spettur Joseph Agius ezebixxa sentenza DOK XJA.

Id-difiza fil-verbal tal-31 ta' Jannar 2011 ezentat lill-prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhieda tal-identita ghal rigward tas-sentenza DOK XJA.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux aktar provi x'jiproduci fil-verbal tal-28 ta' April 2011.

Ikonsidrat:

Illi mill-provi prodotti, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova il-kaz taghha 'il hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti il-prova dwar il-klassifika tal-griehi gravi illi lahqet il-livell probatorju li tezigi l-ligi kriminali, il-provi f'dan il-kaz kienu limitati ghal rapporti tal-pulizija biss, b'xhud uniku li ma rax kif bidet il-glieda jew kif wegga' Enrico Camilleri.

Fil-kaz odjern, il-kwerelant naqas li jaghti t-testimonjanza tieghu ghaliex kien qieghed riinfaccat bi proceduri kriminali u ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

Illi x-xhieda ta’ Lorraine Cassar, hija fjakka ghall-ahhar u Cassar issostni illi la taf kif bdiet il-glieda wisq anqas ma taf kif l-gharus taghha Enrico Camilleri safa bi frattura fi mniehru u dana minkejja illi hija kienet boghod sebgha piedi minn fejn sehhet din il-glieda.

Illi wiehed ma jistax iwarrab il-fatt illi l-Pulizija f’dan il-kaz kienu qeghdin ifittxu lill-Enrico Camilleri minhabba diversi rapporti li kienu dehlin dwar l-imgieba xurbana tieghu konsistenti fi disturbi tal-paci pubblika u theddid u sahansitra kien dahal rapport illi Camilleri kien armat b’xi sikkina jew Taser Gun.

Illi fil-mankanza totali, ta’ xhieda okkulari ta’ kif bidet din il-glieda, u il-kagun tal-frattura tal-ghadma tal-imnieher ta’ Camilleri, u fir-retroxena fuq indikata, ebda Qorti ma tista ssib htija.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti ssib lil imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------